**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**Nru 90/2007**

**tas-6 ta' Lulju 2007**

**li temenda l-Anness XIII (It-Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 54/2007 tat-8 ta' Ġunju 2007 ([1]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju dwar regoli komuni fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea ta' Sikurezza fl-Avjazzjoni ([2]) ġie inkorporat fil-Ftehim bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 179/2004 ([3]) tad-9 ta' Diċembru 2004, b'adattamenti speċifiċi.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 334/2007 tat-28 ta' Marzu 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea ta' Sikurezza ta' l-Avjazzjoni ([4]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 335/2007 tat-28 ta' Marzu 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1702/2003 fir-rigward tar-regoli implimentattivi marbuta maċ-ċertifikazzjoni ambjentali ta' ajruplani u prodotti, partijiet u apparati relatati ([5]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 375/2007 tat-30 ta' Marzu 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1702/2003 li jistabbilixxi r-regoli implimentattivi għaċ-ċertifikazzjoni li l-ajruplan huwa ta' kundizzjoni tajba għat-titjir u għaċ-ċertifikazzjoni ambjentali ta' l-ajruplani u l-prodotti, il-partijiet u l-apparat relatati, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni tad-disinn u l-organizzazzjonijiet tal-produzzjoni ([6]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2007 tat-30 ta' Marzu 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2042/2003 dwar il-kontinwità taċ-ċertifikazzjoni li l-ajruplan, u l-prodotti, il-partijiet u l-apparat ajrunawtiċi huma ta' kundizzjoni tajba għat-titjir, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u l-persunal involuti f'dawn il-kompiti ([7]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim

([1]) ĠU L 266, 11.10.2007, p. 14.
([2]) ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1.
([3]) ĠU L 133, 26.5.2005, p. 37.
([4]) ĠU L 88, 29.3.2007, p. 39.
([5]) ĠU L 88, 29.3.2007, p. 40.
([6]) ĠU L 94, 4.4.2007, p. 3.
([7]) ĠU L 94, 4.4.2007, p. 18.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XIII tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 66n (ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32007 R 0334**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 334/2007 tat-28 ta' Marzu 2007 (ĠU L 88, 29.3.2007, p. 39)."

2. L-inċiżi li ġejjin għandhom jiġu miżjuda fil-punt 66p (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003):

"— **32007 R 0335**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 335/2007 tat-28 ta' Marzu 2007 (ĠU L 88, tal-29.3.2007, p. 40),

— **32007 R 0375**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 375/2007 tat-30 ta' Marzu 2007 (ĠU L 94, 4.4.2007, p. 3)."

3. L-inċiżi li ġejjin għandhom jiġu miżjuda fil-punt 66q (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003):

"— **32007 R 0376**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 376/2007 tat-30 ta' Marzu 2007 (ĠU L 94, 4.4.2007, p. 18)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nri 334/2007, 335/2007, 375/2007 u 376/2007 fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Lulju 2007, sakemm in-notifikazzjonijiet kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u s-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Stefán Haukur JÓHANNESSON

(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.